MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 29/2011

Kawza fil-lista: 75

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li fit-28 ta' Lulju 2001 huwa kkuntrattat zwieg civili mal-konvenuta; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a], [b], [c], [d] u [f] tal-artikolu 19 [1] tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed jitlob li z-zwieg *de quo* jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' Lulju 2001 huwa null fil-ligi fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Min-naha taghha l-konvenuta ma prezentatx risposta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontraddetti s-segwenti fatti.

Illi fit-28 ta' Lulju 2001 il-partijiet izzewgu wara li kienu ilhom jafu lil xulxin sitt xhur biss. Huma kienu iltaqghu f'Malta meta l-attur kien bi btala u bdew relazzjoni li kompliet anke wara li l-attur kellu jitlaq minn Malta minhabba li kienet skadietlu l-visa. Wara sitt xhur minn meta l-partijiet iltaqghu, huma ddecidew li jizzewgu fl-Egittu u eventwalment gew jghixu Malta. Il-konvivenza matrimonjali damet circa sitt snin.

L-attur jilmenta mill-fatt li martu kienet possessiva hafna, tant li ma kienetx thallih johrog wahdu. Jghid: "kienet ma tridnix nitlaq mid-dar, tridni l-hin kollu maghha d-dar. Ma tridx li jien immur x'imkien wahdi; ma kienitx tafdana, kienet tghir hafna ghaliha."[1] L-attur jghid li fuq dan il-punt huma kienu jiggieldu kontinwament. Eventwalment il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali.

Il-konvenuta min-naha taghha tammetti li tul il-konvivenza matrimonjali huma kienu jiggieldu ta' spiss, u dan fuq il-fatt li l-attur "kien irid johrog, daqqa sejjer 'l hemm, daqqa sejjer 'l hawn"[2]. Huwa ma kienx irid li l-partijiet johorgu flimkien, izda kien irid li johrog wahdu, u ma kienx

[1] Fol.18
[2] Fol.22

jghidilha fejn imur.  Dan kien fonti ta’ suspetti da parti tal-konvenuta, bir-rizultat li l-partijiet kienu jiggieldu kontinwament, u dan kien rifless wkoll fin-nuqqas jew reluttanza ghar-relazzjonijiet intimi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Mill-provi jirrizulta li, meta zzewwgu, il-partjiet ftit li xejn kienu jafu lil xulxin, tant li, wara z-zwieg bdew jirriskontraw problemi rizultat ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni w nterazzjoni ta’ bejniethom.  L-attur min-naha tieghu ried li hu jibqa’ jghix il-hajja tieghu, u, ghalkemm ragel mizzewweg, kien johrog wahdu u ma jinformax lil martu fejn kien imur;  inoltre, huwa ma kienx ikun irid johrog mal-konvenuta, allura martu.  Min-naha taghha l-konvenuta kienet tissuspetta li zewgha ma kienx fidil fiz-zwieg.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tosserva li, meta l-attur izzewweg lill-konvenuta, huwa ma riedx verament jghix il-hajja konjugali ma’ martu, izda ried li jibqa’ jghix il-hajja ta’ guvni;  u ghalhekk hija lecita l-konkluzjoni li dan kien zwieg ta’ konvenjenza da parti tal-attur li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu, huwa eskluda l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku.  Ghalhekk fil-konfront tal-attur jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] tal-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta’ Lulju 2001.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------